# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Jannar, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 896/01mm**

**Pater Finance Co. Ltd**

**vs**

**Gordon Joseph Bonnici**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u seba' liri Maltin (Lm1607.00) rapprezentanti import ta' tmien (8) kambjali, hamsa ta' Lm250 u tlieta ta' Lm119, debitament accettati u skaduti minn Frar, 2001, sa' Settembru, 2001,

rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa' 8 konsekuttivament u inkluzivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sa' l-1 ta' Ottubru, 2001, jammontaw ghal Lm58, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-23 ta' Jannar, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit / Dep Reg

Anthony Zammit

Deputat Registratur